31982L0147

L 63/26 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 6.3.1982

# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

## tal-11 ta' Frar 1982

## li taddatta għall-progress tekniku l-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi

(82/147/KEE)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi ([1]), kif emendata bid-Direttiva 79/661/KEE ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 8 (2) tagħha,

Billi skond ir-riżultati tar-riċerka xjentifika u teknika l-aktar riċenti, l-użu ta' acetyl ethyl tetramethyl tetralin għandu jkun ipprojbit, minħabba l-effetti newrotossiċi li huma ta' ħsara għas-saħħa;

Billi d-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Adattazzjoni għal Progress Tekniku tad-Direttivi dwar it-tneħħija ta' l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ fis-settur ta' prodotti kosmetiċi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

In-numru li ġej huwa b'dan miżjud mal-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE:

"362 3'-ethyl-5',6',7,8'-tetrahydro-5',6',8',8'-tetramethyl-2'-acetonaphthone;

Syn.: 1,1,4,4-tetramethyl-6-ethyl-7-acetyl-1,2,3,4-tetrahydronaphthene (acetyl" ethyl tetramethyl tetralin, AETT).

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 1982 l-aktar tard u għandhom jinfurmaw immedjatament lill-Kummissjoni bihom.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-11 ta' Frar 1982.

*Għall-Kummissjoni*

Karl-Heinz NARJES

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 169.
([2]) ĠU L 192, tal-31.7.1979, p. 35.